MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 69/2000/1

Michael u Pauline konjuġi Vella

vs

Patrick Tabone

Il-Qorti,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fil-ħmistax (15) ta’ Marzu tas-sena elfejn (2000) l-attur Michael Vella kien qed isuq karrozza tat-tip Citroen Visa bin-numru tar-reġistrazzjoni BBF 698, proprjeta’ ta’ l-attriċi Pauline Vella fi Mgarr Road, Xewkija, Għawdex bi speed moderat u bid-diliġenza rikjesta mill-Liġi;

Illi l-konvenut Patrick Tabone kien qiegħed isuq karrozza tat-tip Ford Escort u bin-numru tar-reġistrazzjoni LAW 906 bi traskuraġni grassa, b'imperizja, bi speed eċċessiv u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku bil-konsegwenza illi huwa investa fil-vettura ta' Pauline Vella u misjuqa minn Michael Vella u b'hekk ikkaġuna inċident awtomobilistiku għal liema inċident il-konvenut Patrick Tabone kien unikament responsabbli;
Illi per konsegwenza ta' dan l-inċident l-atturi sofrew ħsarat konsiderevoli fil-vettura tagħhom, tant li tista' titqies bħala *total loss,* kif jiġi dettaljatament ippruvat waqt is-smiegħ ta' dina l-kawża;

Illi l-istess konvenut għalkemm interpellat diversi drabi sabiex jersaq bonarjament għal likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi, dawn dejjem baqgħu inadempjenti.

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut Patrick Tabone huwa unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

2. Tillikwida għalhekk id-danni kollha sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan l-inċident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi u dan jekk hemm bżonn permezz ta' perit li għandu jiġi nominat għal dan il-fini; #

3. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibgħuta fl-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000), ta' l-ittra uffiċjali mibgħuta fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) u ta' l-ittra uffiċjali mibgħuta kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa inti mħarrek.

Bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament maħlufa minn Michael Vella.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda għax għall-inċident “de quo” kien jaħti Michael Vella.

2. Illi jsegwi li t-tieni talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.

3. Jiżdied isegwi, riferibilment għat-tielet talba, li m’hemm xejn li l-eċċipjent għandu jiġi kundannat iħallas lill-atturi.

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, fejn wara li ppremetta illi:

Billi fil-15 ta’ Marzu, 2000 xis-6,45 am, waqt li l-konvenut kien isuq il-car nru Law 906 fix-Xewkija din sfat involuta f’ħabta mal-car Citroen nru BBF 698 u ġarrbet ħsarat ingenti.

Billi għall-inċident kien jaħti Michael Vella (ragel ta’ Pauline Vella) sewwieq tas-Citroen li, bħala utenti ta’ triq laterali ma osservax l-liġi. Billi l-konjuġi Vella qed jiċħdu ħtijiethom.

Talab lill-atturi jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara responsabbli għall-inċident lil Michael Vella u responsabbli għar-risarċiment tad-danni lill-konjuġi Vella.

2. Tillikwida d-danni sofferti minn Patrick Tabone occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konjuġi Vella jħallsu lil Patrick Tabone l-ammont dikjarat dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjeż kontra r-rkonvenjonati li huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut annessa ma' din il-kontro-talba minnu maħlufa.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-atturi għal din il-kontro-talba, li biha eċċepew illi:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi huwa Patrick Tabone l-persuna unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku in kwistjoni.

2. Salvi eċċezzjonijit oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, maħlufa mill-attur.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru 2004 fejn innominat lil Joseph Zammit bħala espert mekkaniku sabiex jirrelata dwar il-ħsara li ġarrbet il-vettura ta' l-atturi.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mekkaniku ppreżentata fit-3 ta' Ottubru 2005 u minnu maħlufa fil-25 ta' Lulju 2006.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Gunju 2007 fejn irrimettiet il-proċess lill-istess espert mekkaniku sabiex jirrelata wkoll dwar il-ħsara li ġarrbet il-vettura tal-konvenut.

Rat ir-relazzjoni addizzjonali ta' l-espert mekkaniku ppreżentata fil-25 ta' April 2008 u minnu maħlufa fil-11 ta' Mejju 2009.

Rat il-verbal tagħha tat-23 ta' Frar 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-atturi in segwitu għal inċident stradali li fih kienu nvoluti l-vetturi rispettivi tal-kontendenti, li t-tnejn ġarrbu diversi ħsarat minħabba din il-kollizzjoni. Il-konvenut ukoll ippreżenta l-kontro-talba tiegħu fejn qed jirreklama mingħand l-atturi d-danni kkaġunati fil-karozza tiegħu. L-azzjonijiet esperiti miż-żewġ naħat huma għalhekk dawk bażati fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendu li hu l-każ preżenti l-kontendenti.[2]

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero',si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

FATTI

L-inċident mertu tal-kawża ġara fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Għawdex, fil-15 ta' Marzu 2000 għall-ħabta tas-6.45 a.m. L-attur, li kien qed isuq il-karozza tal-mara tiegħu tat-tip Citroen Visa, kien għadu kemm ħareġ minn triq sekondarja li tieħu għall-*Industrial Estate* ta' Għawdex, u

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2 .
[2] art. 1033 Kap. 16 .
[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II. # 18 p. 32 - 33 .

qabad it-triq prinċipali fid-direzzjoni ta' l-Imgarr. Il-konvenut, li kien qed isuq il-vettura tiegħu tat-tip Ford Escort matul Triq l-Imgarr fid-direzzjoni tar-Rabat, hekk kif qorob lejn dan l-inkroċju qala' xi karrozzi li kien hemm quddiemu, sab il-vettura misjuqa mill-attur ma' wiċċu, ipprova jevitaha billi ġenneb kemm seta' għal-lemin tiegħu, imma għal xejn, u saret il-ħabta.[4] B'konsegwenza ta' dan, iż-żewġ vetturi ġarrbu ħsarat estensivi.[5]

RESPONSABILITA'

Lis-surgent li nvestiga l-kollizjoni, l-attur *a tempo vergine* qallu illi:

"*I came out of the Industrial Estate into the main road. I turned right to proceed towards the lights. When I was already facing the lights, all of a sudden from the direction of the lights at speed and on the wrong lane came Vehicle LAW906 and hit me on my front part. With the impact my car made a complete u- turn and I ended up against the wall on the side of the factories*." [6]

Fid-depożizzjoni tiegħu fil-kors tas-smiegħ tal-kawża, l-attur reġa' fisser l-inċident u qal illi:

"J*iena kelli is-Citroen u wassalt it-tifla għax-xogħol… fil-factories… u ġejt lura, sejjer għan-Nadur, u ħriġt. U x'ħin ħriġt la kien hemm fuq din in-naħa u lanqas fuq in-naħa l-oħra. Ma kont tara lil ħadd. U ħriġt, u ġiet il-karozza bil-veloċita' kollha, u ġiet fuqi, head on. …Jiena ħriġt mix-Xewkija … għat-triq tax-Xatt, għal-lane tiegħi …(fid-direzzjoni ta' l-Imgarr.*" [7] Mistoqsi mil-legali tiegħu fejn kien x'ħin seħħet il-ħabta, l-attur wieġeb "*Jiena kont tiela għat-triq tax-Xatt…Ġejt bi dritt… ġejna t-tnejn fuq in-naħa l-oħra tat-triq*." [8]

---

[4] ara rapport ta' l-okkorrenza relattiva Dok. MC 2 a fol. 38 - 40 tal-proċess, u skizz Dok. MC 1 a fol. 37 .
[5] ara ritratti Dokti. A 1 sa A a fol. 108 u rapporti ta' l-espert mekkaniku a fol. 94 - 95 u 123 – 124 .
[6] okkorrenza a fol. 39 – 40 .
[7] ara xhieda ta' l-attur a fol. 44 - 45 .
[8] ibid.

Il-konvenut, lill-istess surġent, *a tempo vergine*, qallu illi:

"*I was driving towards Victoria and when I reached the intersection of the Industrial Estate the three cars in front of me were indicating to turn left. I proceeded to overtake them to my right side, and when I was already over the white line I saw the other car coming out of the Industrial Estate road. I thought that he was going to stop. I pulled further to my right side and all of a sudden we collided with almost head on.*" [9]

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti spjega illi: "…*kont għadni kif qbiżt il-lights u sejjer lejn id-direzzjoni ta' Victoria, tar-Rabat, quddiemi kien hemm tlett karozzi, waħda minnhom kienet diġa' daret lejn in-naħa ta' l-Industrial Estate, plus hekk, iż-żewġ karozzi l-oħra kellhom żewġ indicators juru li t-tnejn ħa jduru fuq in-naħa ta' l-Industrial Estate, u jien biex nibqa' għaddej qlajt kemm kemm il' barra ħalli nibqa' sejjer lejn ir-Rabat… Qlajt il-wisgħa tal-karozza. Bħal speċi, kemm nibqa' għaddej… f'nofs it-triq… 'l barra mill-karozza l-oħra… Imbagħad x'ħin ġejt bi dritt id-daħla lejn l-Industrial Estate, nara lis-sur Vella ħiereġ, u baqa' ħiereġ. Jien, biex nipprova nevitah, bqajt naqla' 'l barra, pero' baqa' ħiereġ, u ma kellix choice oħra… u spiċċajt ġo fih*."[10]

Mill-iskizz redatt mis-surġent Mario Cassar li nvestiga l-każ,[11] jidher illi:

1. iż-żewġ karozzi nvoluti f'dan l-inċident spiċċaw fuq il-bankina ta' Mgarr Road fil-karreġġjata ta' min ikun sejjer lejn ir-Rabat, iħarsu lejn l-Industrial Estate;

2. max-xifer tal-bankina tan-naħa l-oħra tat-triq tħallew sinjali tar-rota tal-lemin ta' wara tal-karozza tal-konvenut;

3. l-attur indika bl-ittra "X" fejn fil-fehma tiegħu kienet l-i*spot of impact;*

---

[9] okkorrenza fol. 40 .
[10] ara xhieda tal-konvenut a fol. 58 – 62 .
[11] a fol. 37 .

4. is-surġent immarka b'*dotted lines* fejn jaħseb li kienet il-karozza ta' l-attur meta seħħet il-ħabta, u dan skond id-*debris* li tħalla fuq il-post;

5. dik il-parti ta' Mgarr Road hija maqsuma b'*double continuous white lines* ħlief fl-inkroċju mat-triq tal-fabbriki;

6. tidher tabella ta' *stop sign* fin-naħa tax-xellug tal-kantuniera tat-triq tal-fabbriki għal min ikun ħiereġ minn dik it-triq għal fuq il-*main road*.

Il-ħsarat li ġarrbu l-karozzi rispettivi ġew deskritti mis-surġent Cassar bħala "*extensive*". Il-karozza tal-konvenut kellha ħsara fuq il-"*front end left part mudguard, bonnet and wheel plus underneath and right rear wheel*", filwaqt illi dik ta' l-attur kellha: "*front end extensive."* [12]

L-inċident stradali in kwistjoni seħħ f'inkroċju bejn triq prinċipali u waħda sekondarja. Insibu fil-**Highway Code** f'dan ir-rigward illi:

"**84. Use extra care at junctions or intersections. Look out for the relevant traffic signs, traffic lights or carriageway markings and abide by them. Stop at STOP signs… Where there are no such signs exercise discretion and prudence.**

**85. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and, where safe to do so, take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicle before you complete a right turn.**

**86. On turning at a junction look right, then left, then right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so...**

[12] ara okkorrenza a fol. 39 .

**91. Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road.**

**92. At an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road."**

M'hemmx dubbju illi fil-każ in eżami l-*major road* kienet Triq l-Imgarr minn fejn kien għaddej il-konvenut, u għalhekk skond dawn ir-regoli kellu d-dritt jippretendi illi t-traffiku li jkun ħiereġ mit-triq sekondarja għandu jċedilu. Ġie ribadit fid-dottrina illi: "*There is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main road from either direction… it is important that the rule should be observed and the right which it confers should not be allowed to be whittled away; drivers who have the rule in their favour are entitled that the rule will be observed by others*." [13] Hekk ukoll ingħad illi: "*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety*." [14]

Imma fiċ-ċirkostanzi li rriżultaw minn eżami tal-provi f'din il-kawża insibu li l-attur ma jistgħax jinstab ħati ta' xi nuqqas minkejja li kien ħiereġ minn triq sekondarja għal fuq triq prinċipali. Hekk kif kien qed javviċina l-inkroċju, waqaf u ħares lejn iż-żewġ direzzjonijiet tal-*main road* biex jara kienx għaddej traffiku. Malli aċċerta ruħu li t-triq kienet libera, ħareġ, qasam għan-naħa l-oħra fuq il-*broken white lines* li jaqsmu dik il-parti tal-*main road*, dawwar lejn il-lemin tiegħu u kien pront daħal fil-karreġġjata ta' min ikun sejjer lejn l-Imgarr. Ma seta' jagħmel xejn imbagħad x'ħin tfaċċa f'daqqa waħda l-konvenut b'ċerta veloċita' minn naħa l-oħra u nvadielu l-karreġġjata tiegħu.

Il-konvenut jiċħad li kien għaddej b'veloċita', imma l-fatt minnu ammess li kien qed jaqla' tliet karozzi oħra li kien

---

[13] O.C. Mazengard : Negligence on the Highway (Butterworths Ed. 1962 pg. 326 - 327) .
[14] Charlesworth : The Law of Negligence (2$^{nd}$ Ed. pg. 82) .

hemm quddiemu, abbinat mal-kwalita' tal-ħsara fuq iż-żewġ vetturi nvoluti, u l-mod kif dawn spiċċaw imtajrin għan-naħa l-oħra tat-triq ma jħallu ebda dubbju li l-konvenut kien għaddej b'ċerta veloċita' qawwija. Lanqas huwa verosimili illi l-attur kien għadu kemm ħareġ mit-triq sekondarja x'ħin seħħet il-ħabta. Id-daqqiet taż-żewġ vetturi kienu frontali.[15] Kieku l-attur kien għadu kemm ħareġ mill-inkroċju, id-daqqa ewlenija kien minflok jeħodha fuq il-ġemb tal-lemin tal-karozzza tiegħu. Dwar il-manuvra ta' sorpassar ttentata mill-konvenut, insibu fil-Highway Code: "**Do not overtake at or when approaching … (ii) a road junction**", kif fil-fatt għandna fil-każ in eżami. Bil-fatt ukoll li l-konvenut ittenta jaqla' mhux karozza waħda imma tlieta in fila, żgur li kien ferm iżjed diffiċli għalih biex jinduna li kien hemm karozza oħra ħierġa proprju minn dak l-inkroċju. Lanqas ma kien ġustifikat, kif sostna fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, li l-linji miksura fin-nofs tat-triq ippermettewlu jinvadi l-karreġġjata opposta biex iwettaq din il-manuvra, għax kif tajjeb sostnew l-atturi, dawn il-linji miksura fil-parti tal-inkroċju, kienu ntenzjonati biss għal min ikun dieħel jew ħiereġ fit-triq sekondarja, u mhux biex isir *overtaking* minn fuq il-karreġġjata opposta. Għalhekk jirriżulta sodisfaċentement illi għal din il-kollizjoni jaħti biss il-konvenut.

## LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI

Rigward id-danni kkaġunati fil-karozza ta' l-attur, l-espert mekkaniku Joseph Zammit irrelata illi din spiċċat *a total loss,* billi minħabba n-natura tal-ħsarat li ġarrbet kellha tiġi meqjusa bħala *beyond economic repair*. Il-karozza kien ilha sbatax-il sena fit-triq, u allura l-valur tagħha meta seħħ l-inċident ġie stmat ta' Lm400, li minnhom kellu jitnaqqas ir-*wreck value* ta' Lm50, biex l-ammont likwidat bħala danni ġie stabilt fis-somma ta' Lm350.[16] L-atturi jargumentaw fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom, illi huma kienu moqdija b'din il-karozza minkejja ż-żmien li kellha, u biex jixtru karozza oħra, anke *second hand*,

[15] ara rapport ta' l-espert mekkaniku a fol. 94 .
[16] ibid. a fol. 95 .

kienu jirrikjedu ferm iżjed mill-ammont li ġie likwidat. Il-Qorti madankollu taqbel ma' l-espert tekniku, illi l-ammont likwidat għandu jkun relatat mal-ħsara attwali li ġiet ikkaġunata u xejn iżjed. Minn naħa l-oħra huma ġustifikati l-atturi fil-pretensjoni tagħhom li m'għandu jitnaqqas xejn għar-*wreck value* tal-karozza danneġġjata tagħhom, għax fil-fatt ma rnexxielhom idaħħlu l-ebda flus f'dan ir-rigward. Kif ammetta l-istess espert, it-tip ta' karozza li kellhom l-atturi ma tantx kienet għadha popolari fis-suq ta' karozzi *second hand* dik il-ħabta, u allura dan jikkorrobora l-fatt illi ħadd ma ried jagħtihom xejn tagħha, anzi kienu qed jikkunsidrawha biss bħala xkiel u nkwiet mal-pulizija. L-ammont likwidat għad-danni għandu jibqa' għalhekk fis-somma ta' erba' mitt lira maltija (LM400).

KONKLUŻJONI

Għaldaqstant tiddeċidi:

**A. fir-rigward taċ-ċitazzjoni** billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli mill-inċident stradali deskritt fiċ-ċitazzjoni, tillikwida d-danni kkaġunati fil-karozza ta' l-atturi fis-somma ta' erba' mitt lira maltija (Lm400), ekwivalenti llum għal (EUR932) u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-istess somma lill-attur.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra nterpellatorja mibgħuta fl-20 ta' Marzu 2000, ta' l-ittra uffiċċjali tas-27 ta' Marzu 2000 u ta' l-ittra uffiċċjali mibgħuta kontestwalment maċ-ċitazzjoni lill-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut.

**B. fir-rigward tal-kontro-talba**, billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-atturi, tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali, bl-ispejjeż kontra l-konvenut ukoll.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------